# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT
## DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.

**Rikors Numru: 289/2019 RM**

**Kristian Balzan [K.I. Numru 11079 M] bħala mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' barranija Ceramica Cielo S.P.A. Partita IVA 01622510566 bis-sede reġistrata f'Via Falerina KM 7,800 – 01034 Fabrica di Roma (VT) l-Italja**

**-Vs-**

**Ruben Micallef [K.I. Numru 157778 M]**

**Illum, 12 ta' Lulju 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tal-attur nomine ppreżentat fir-Reġistru ta' din il-Qorti nhar il-11 ta' Diċċembru 2019 fejn gie premess u mitlub:-

1. Illi s-soċjeta' rikorrenti pprovdiet fornitura ta' merkanzija li tintuża fil-kmamar tal-banju favur l-intimat Ruben Micallef, u dan skont id-dettalji ndikati fil-fattur ddatata t-tletin (30) ta' Lulju, 2018, hawn annessa w immarkata Dok A;

2. Illi, minkejja diversi interpellazzjonijiet bil-miktub sabiex l-intimat jaffettwa l-ħlas tal-prezz dovut għall-fornitura msemmija lis-soċjeta' rikorrenti, huwa baqa' inadempjenti;

3. Illi l-prezz dovut għall-fornitura msemmija huwa dak ta' għaxart elef, disa' mija u tlieta u disgħin Ewro u tmien ċenteżmi (€10,993,08) li miegħu għandhom jiżdiedu l-interessi kummerċjali applikabbli sad-data tal-effettiv pagament;

Għaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitlob li dina l-Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimat huwa debitur tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' għaxart elef, disa' mija u tlieta u disgħin Ewro u tmien ċenteżmi (€10,993,08) rappreżentanti l-prezz dovut għall-fornitura tal-merkanzija indikata f'Dok A hawn anness, flimkien mal-interessi kummerċjali li għandhom jiżdiedu magħhom.

2. Tikkundanna lill-intimat sabiex, fi żmien qasir u perentorju li jiġi prefiss lilu minn din l-Onorabbli Qorti, iħallas il-prezz suċċitat lir-rikorrenti.

Bl-ispejjeż u bl-interessi kummerċjali kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta ġuramentata [*sic.*][1] pprezentata mill-konvenut fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-23 ta' Mejju 2019 fejn ressaq is-segwenti eccezzjonijiet:-

1. *Illi fl-ewwel lok it-talba hija preskritta ai termini tal-Ligi u dan skond l-artikolu 2149 (A) tal-Kodiċi Ċivili Kap. 16;*

2. [2]*Illi fit-tieni lok meta din il-merkanzija waslet Malta kienet kollha imfarrka u mkissra u kelli jintrema ghax ma kienx in commercio u prova ta' dan hemm itrati* [*recte:* ritratti] *li ser jigu eżebiti il-Qirti* [*recte:* Qorti] *waqt is-seduti.*

---

[1] Minkejja illi r-Risposta tindika li hija « ġuramentata" ma jirriżulta minn imkien li effettivament ir-Risposta giet ikkonfermata bil-ġurament tal-konvenut. F'kull każ, fil-proċeduri quddiem din il-Qorti mhuwiex meħtieg li r-Rikors promotur jew ir-Risposta għaliha jkunu konfermati bil-ġurament.

[2] Dan il-paragrafu ġie indikat fir-Risposta bin-numru "3" iżda dan huwa evidentement żball tal-pinna.

Rat illi waqt l-udjenza tat-12 ta' Ottubru 2020, in vista tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, gie ordnat li qabel xejn jitressqu l-provi kollha dwar din l-eccezzjoni;

Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Frar 2021 iddikjarat il-provi tal-konvenut dwar l-eċċezzjoni tal-konvenut, maghluqin;

Rat il-provi u d-dokument kollha esebiti;

Rat illi fl-udjenza tat-2 ta' Gunju, 2021, iddikjarat li l-istadju tal-provi huwa definittivament maghluq;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-attur nomine fl-udjenza tat-8 ta' Lulju 2021;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi bl-ewwel eccezzjoni tieghu fir-Risposta ghar-Rikors promotur[3], il-konvenut jeccepixxi illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2149(A) tal-Kodici Civili. Il-Qorti sejra tqis li l-artikolu tal-liġi indikat mill-konvenut ghall-fini ta' din l-eċċezzjoni huwa effettivament l-Artikolu 2149(a) tal-Kodiċi Ċivili għaliex fin-nuqqas ta' dispożizzjoni speċifika taħt l-Artikolu 2149 immarkata "A", huwa manifest li dan huwa sempliċi *lapsus calami* da parti tal-avukat li ħejja r-Risposta għan-nom tal-konvenut.

L-Artikolu 2149(a) tal-Kap. 16 jiddisponi li l-azzjonijiet segwenti jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn:-

[3] 3 ta' Lulju 2018, fol. 7.

*"l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar, u tal-kuntratturi ta' bini ieħor jew ta' xogħlijiet oħra ta' injam, ġebel, jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjali li jfornu*."

Jinsab paċifikatament ritenut[4] illi meta l-konvenut jeċċepixxi l-preskrizzjoni, il-Qorti qabel xejn trid teżamina jekk il-preskrizzjoni eċċepita hijiex opponibbli għat-talba u għall-azzjoni kif imfassla u, f'każ affermattiv, għandha tipproċedi biex tiddetermina d-data li minnha għandu jitqies li dak it-terminu preskrittiv beda jiddekorri (jekk il-preskrizzjoni m'hijiex altrimenti sospiża ai termini tal-Artikoli 2123 *et seq.* tal-Kodici Civili) u għandha tistabbilixxi wkoll jekk dak it-terminu, jekk iddekorra, ġiex interrott għal motiv dedott mill-parti kontra min ġiet sollevata l-eċċezzjoni.

Jinsab ukoll assodat illi meta l-Qorti tiddetermina li l-preskrizzjoni partikolari eċċepita mill-konvenut, m'hijiex dik applikabbli għall-azzjoni, m'huwiex kompitu tagħha li tindaga u tistabbilixxi hija stess liem'hija l-preskrizzjoni applikabbli, għaliex huwa vjetat it-tqanqil u applikazzjoni *ex officio* mill-Qorti tal-preskrizzjoni[5]. In-natura odjuża tal-eċċezzjoni tesigi wkoll li tingħata interpretazzjoni u tifsira restrittiva tal-eċċezzjoni, b'mod illi kull dubju dwar l-applikabbilita` taż-żmien preskrittiv minn dak li jirriżulta mill-atti, għandu jmur kontra l-eċċipjenti tal-preskrizzjoni.

Ikkunsidrat;

Il-konvenut, għalkemm fit-tieni eċċezzjoni sollevata fir-Risposta tiegħu, jiċħad ir-responsabbilita' tiegħu għall-ħlas tal-prezz tal-fornitura minħabba l-ħsara riskontrata fil-merkanzija spedita mill-fornitur esteru Ceramica Cielo S.p.a., eċċepixxa wkoll il-preskrizzjoni tal-azzjoni.

---

[4] **Fenech Plant Hire Limited vs P. Montebello** – Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), deciza 13 ta' Marzu 2009.
[5] Artikolu 2111 tal-Kodici Civili.

Il-Qorti rat l-atti u l-provi u fehmet illi l-konvenut xtara mingħand is-soċjeta' estera Ceramica Cielo S.p.a. - rappreżentata f'dan il-proċediment mill-mandatarju speċjali tiegħu l-Avukat Kristian Balzan[6] - kwantita' sostanzjali ta' materjal taċ-ċeramika għall-użu fl-istallazzjonijiet ta' kmamar tal-banju, fis-somma komplessiva ta' €10,993.08. Fit-30 ta' Lulju 2018, it-trasportatur imqabbad mill-konvenut sabiex jorganizza l-ġarr tal-merkanzija lejn Malta, irtira din il-merkanzija mingħand il-fornitur, Ceramica Cielo S.p.a. Jirriżulta illi dan it-trasportatur – Ocean Freight Operators/Mariner Shipping – kien ukoll inkarigat mill-konvenut sabiex jieħu ħsieb iġorr lejn Malta fl-istess waqt, *pallet* ulterjuri kontenenti merkanzija ordnata mill-konvenut minn fornitur ieħor ġewwa l-Italja, ċertu Globo. It-trasport ta' dawn iż-żewġ *pallets* mit-trasportatur imqabbad mill-konvenut, jirriżulta ġie mwettaq fuq bażi *ex works* bħala *a groupage arrangement*.

Ġara illi meta l-merkanzija waslet Malta, instab illi l-merkanzija spedita mill-fornitur Ceramica Cielo S.p.a. kienet danneġġata. Skont kif jirriżulta mill-korrispondenza skambjata bejn il-partijiet u esebita fl-atti[7], il-konvenut, filwaqt li qal li huwa jaqbel li l-merkanzija telqet mingħand l-ispeditur f'kondizzjoni perfetta, sostna illi l-ħsara saret bi ħtija tal-fornitur u mhux tat-trasportatur minnu inkarigat, għaliex il-merkanzija ma ġietx marbuta ġewwa l-contanier għal waqt it-traġitt.

Huwa stabbilit illi l-konvenut xtara mingħand is-soċjeta' estera Ceramica Cielo S.p.a. merkanzija konsistenti fi prodotti taċ-ċeramika, liema merkanzija kellha tigi spedita lilu mill-Italja bl-intervent ta' trasportatur inkarigat mill-istess konvenut. Minn dan, jikkonsegwi illi l-kuntratt konkluż bejn il-partijiet kien għall-bejgħ u konsenja tal-materjal da parti tal-fornitur u l-ħlas da parti tal-konvenut għal dan il-prodott. Mir-riżultanzi tal-provi u mill-atti li għandha quddiemha l-Qorti, ma ntweriex li kompriż f'dan il-kuntratt kien hemm obbligu tal-prestazzjoni ta' xi opra da parti tas-soċjeta' estera oltre ghas-sempliċi xiri u fornitura tal-materjal. Il-konvenut ma ressaq l-ebda prova biex juri illi s-soċjeta' estera oltre li hija l-fornitur tal-materjal mibjugħa lilu,

[6] Ara prokura speċjali Dok. B, fol. 5 tal-atti.
[7] Fol. 46 *et seq.*

hija wkoll il-manifatturier tal-materjal u li hija ġiet inkarigata minnu biex tippresta x-xogħol tagħha fil-produzzjoni tal-materjal skont l-esiġenzi tiegħu, jew twettaq l-istallazzjoni tal-materjal u kwindi, tipproduċi xi *opus* ikkommissjonat mill-konvenut. Kemm hu hekk, it-talba tas-soċjeta` attrici hi sempliċement għall-hlas tal-prezz tal-fornitura tal-materjal, skont kif del resto jirriżulta wkoll minn eżami tal-fattura mmarkata "Dok. A" a fol. 4 tal-atti.

Illi l-Qrati taghna minn dejjem ritenew illi l-preskrizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2149(a) tal-Kodiċi Ċivili issib riskontru:-

"*... ... ... ghall-krediti ta' dawk li fihom tkun prevalenti l-karattru ta' spekulaturi, u li, aktar minn opra, jipprestaw xoghol ('opus') minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xoghlijiet u minghajr qies ta' l-importanza tas-somministrazzjonijiet.*"[8]

Is-sentenza celebri in materja tad-definizzjoni tal-krediti kolpiti bil-preskrizzjoni ta' sentejn maħsuba fl-Artikolu 2149(a), hija dik riportata f'Vol. XXXVIII P. III p. 710, fejn intqal illi l-preskrizzjoni kontemplata f'din id-dispozizzjoni legali tirriferixxi:-

"*... ... ... ghal-locatio operis li biha l-imprenditur jobbliga ruhu li jaghti, mhux ix-xoghol, izda l-prodott tax-xoghol - meta l-lokazzjoni d' opera tkun konnessa ma' organizzazzjoni ta' mezzi teknici li timprimi lil-lokazzjoni l-karattru ta' att oggettivament kummercjali.*"[9] [enfasi ta' din il-Qorti]

Illi miżmum ferm il-premess, il-Qorti tqis li l-azzjoni tal-fornitur għall-hlas tal-kreditu ghall-fornitura tal-materjal mibjugħ lill-konvenut, m'hijiex kolpita bil-preskrizzjoni eccepita mill-konvenut a tenur tal-Artikolu 2149(a), u dan għaliex in-negozju konkluż bejn il-partijiet ma kienx wiehed fin-natura ta' *locatio operis*[10] fejn il-fornitur tal-

---

[8] **Evan Balzan vs Mary Grace Farrugia**, *supra.*
[9] Citata fis-sentenza **Langdale Limited vs Jon David Limited** deciza (Appell.Inferjuri) fit-3 ta' Novembru 2005.
[10] L-Artikolu 1633 tal-Kapitolu 16 jipprovdi illi:- *"Meta wieħed jiġi mqabbad għal xi xogħol, jista' jiġi miftiehem li hu għandu jagħti biss ix-xogħol jew is-sengħa tiegħu, inkella li jagħti wkoll il-materjal."*

materjal ippresta wkoll l-opra tiegħu jew il-prodott tax-xogħol tieghu b'żieda mal-bejgħ tal-materjal supplit lill-konvenut.

Konformement, il-Qorti tqis illi ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ ma jirrientrawx taħt il-kappa tas-subinċiż (a) tal-Artikolu 2149 u għalhekk, il-preskrizzjoni eċċepita mill-konvenut m'hijiex applikabbli. Kif diġa' nghad, m'huwiex kompitu tal-Qorti tistabbilixxi hija stess liem'hi l-preskrizzjoni li għandha ssib riskontru ghall-fattispeċje tal-każ quddiemha.

Madanakollu, fl-istess waqt il-Qorti ma tistax ma tosservax illi f'kull każ, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni *ut sic* ma tistax treġi minhabba illi hija evidentement inkompatibbli mal-eccezzjoni l-ohra sollevata mill-konvenut dwar il-ħsarat riskontrati fil-merkanzija li ġiet konsenjata lilu. Huwa ormai paċifiku in materja illi jeżistu sitwazzjonijiet fejn il-preskrizzjoni eċċepita ma jibqagħlha l-ebda valur meta din takkompanja eċċezzjoni oħra li magħha hija inkompatibbli. Il-Qrati tagħna ilhom konsistentement iqisu illi l-azzjoni tal-kreditur ma tibqax opponibbli bl-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni jekk id-debitur, billi jassumi certu linja ta' difiza, ipoġġi ruħu fi stat ta' fatt li jirrendi inkompatibbli l-pożizzjoni ġuridika tiegħu mal-presupposti tal-istitut tal-preskrizzjoni.

"*Dan jigri, tipikament, fejn l-attitudni tad-debitur ma tkunx dik tad-difiza tal-inezistenza tad-debitu jew tac-cahda tad-dritt u l-azzjoni tal-attur, izda tas-semplici kontestazzjoni tal-ammont jew ahjar kif jinghad f'din il-kawza il-quantum huwa esagerat. Konformement bhal fil-kaz tal-eccezzjoni tal-kompensazzjoni, eccezzjoni konsimili timporta rikonjizzjoni tad-dejn u dan ir-rikonoxximent jinterrompi l-preskrizzjoni, u jimporta wkoll rinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun gja kompjuta.*"[11]

Fis-sistema legali lokali huwa rikonoxxut illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija kompatibbli biss mal-eccezzjoni tal-inezistenza totali tad-debitu. Fis-sentenza appena

[11] Vide **Peter Busuttil vs Public Broadcasting Services Limited**, deciza fit-28 ta' April 2004 mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri.

citata (**Busuttil v. Public Broadcasting Services Limited**), il-Qorti citat mit-Troplong ("*Prescrizione*" No. 67) illi fisser li:-

"*… … … quando il debitore senza negare in sostanza di essere tale, si limita a discutere ed impugnare l'ammontare dovuto, vi ha rinunzia tacita alla prescrizione*".

Fil-fehma tal-Qorti, l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut li x-xogħol mertu tal-kreditu pretiż, m'huwiex tajjeb, fih id-difetti jew ma sarx skont is-sengħa u l-arti u skont dak pattwit bejn il-partijiet, timplika rikonoxximent li hemm xi xejra ta' kreditu li huwa eżistenti, għad illi mhux fl-ammont mitlub jew f'ammont ferm inferjuri minn dak reklamat. Il-Qorti tifhem illi din ix-xorta ta' eccezzjoni – kompriż l-eċċezzjoni tal-konvenut fil-kaz in diżamina illi l-merkanzija fiha l-ħsara - hija inkompatibbli u irrikonċiljabbli mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għaliex timporta rikonoxximent tal-eżistenza ta' xi forma ta' kreditu.

Jinghad ukoll illi l-insenjament in materja huwa paċifiku fis-sens illi l-konvenut huwa prekluż milli jeċċepixxi l-preskrizzjoni meta jirriżulta li hu ma jkunx għadu ħallas il-prezz sħiħ. Fir-rigward, il-Qorti tal-Appell f'sentenza reċenti[12], fissret hekk:-

*"L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva tipprezumi hlas [ara sentenza tal-Prim'Awla fil-kawza* ***Vincenzo Chircop vs Simeone Azzopardi*** *deciza mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fil-25 ta' Frar 1920 (Vol. XXIV.i.373)2], cjoe' l-estinzjoni tal-obbligazzjoni.*

*… … …*

*Fil-fehma tal-qorti b'dan il-kliem l-appellat ikkonferma li* ***ma hallasx il-kera****. Fis-sentenza* ***Vincenzo Chircop vs Simeone Azzopardi (****25 ta' Frar, 1920, Volum XXIV.i.373), intqal:- 'che il convenuto …. ha confessato di non aver pagato fitto …. e quindi avendo confessato di non aver pagato, egli e' precluso dal poter eccepire la*

[12] Sede Inferjuri: **Burmarrad Commercials Limited vs Claude Camilleri**, deciza 29 ta' Lulju 2016.

*prescrizione quinquennale che egli oppone, la quale e' prescrizione presuntiva di pagamento ed e' inconciliabile colla confessione di non aver pagato…'*

*… … …*

*Id-dikjarazzjoni tal-appellant li ma hallasx, m'hijiex kompatibbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva kontemplata fl-Artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 tal-Kodici Civili li jipprezumu l-hlas. Dak li japplika fil-kaz fejn id-debitur jinghata l-gurament (Artikolu 2160 tal-Kodici Civili), il-qorti ma tarax ghalfejn m'ghandux japplika wkoll fejn id-debitur jixhed minn jeddu.*

*L-ghoti ta' raguni ghalfejn ma sarx il-hlas, mhuwiex rilevanti. Fis-sentenza* ***Zammit and Cachia Trading Co. Ltd et vs Mizzi****, deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Dicembru 2005, intqal: ""Il-konvenut ex confessis jammetti li huwa ma hallasx u offra l-ispjegazzjoni tieghu ghal dan in-nuqqas ta' pagament, allavolja ma ntalbet ebda raguni minghandu dwar dan. Biex wiehed jissellef mis-sentenza fl-ismijiet "***Dr. Toni Abela nomine - vs - Maurice Vassallo***", Appell, 19 ta' Mejju 2000, "li kieku l-konvenut xehed li m'ghandux jaghti flus lill-attur nomine u lanqas jiftakar li ghandu jaghtih, u waqaf hemm bla htiega ta' spjegazzjoni ulterjuri, allura l-eccezzjoni tieghu kienet certament tregi imma hawn si tratta ta' persuna li qeghda tistqarr bic-car bil-gurament taghha li ma hallsitx. Kwindi lanqas hu kaz li l-konvenut 'ma jiftakarx' li ghandu jaghti xi haga ghax hu jiftakar li ma hallas qatt".*

Konformement mal-konsiderazzjonijiet premessi, il-Qorti tqis li l-linja difensjonali esposta mill-konvenut hija kunfliggenti mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, liema eccezzjoni ghaldaqstant ma tistax treggi. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li tista' tieqaf hawn fl-indaġni tagħha dwar l-ewwel eċċezzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi fil-mertu, il-konvenut jilqa' għat-talba attriċi għall-ħlas tal-prezz tal-fornitura tal-materjal taċ-ċeramika lilu konsenjata, billi jeċċcepixxi illi l-hlas mhux dovut għaliex il-merkanzija waslet Malta imkissra u kellha tintrema.

Kif diġa' stabbilit, mill-provi jirriżulta illi l-konvenut kien ingaġġa terz trasportatur, Ocean Freight Operations/Mariner Shipping - sabiex jorganizza l-ġarr tal-merkanzija fornita mis-soċjeta' Ceramica Cielo S.p.a. mill-imħazen tiegħu ġewwa Ruma, l-Italja, flimkien ma' merkanzija oħra supplita minn fornitur ieħor, u jittrasportaha lejn Malta. Mix-xhieda bl-Affidavit ta' Alessio Coramusi[13] - mhux kontestat - huwa stabbilit illi l-merkanzija in diżamina kienet f'kundizzjoni perfetta meta din ġiet konsenjata mill-fornituri lit-trasportatur inkarigat mill-konvenut biex din tiġi stivata fil-vettura tat-trasport. Barra minn hekk, minn eżami tal-korrispondenza elettronika skambjata bejn is-socjeta' fornitriċi u l-konvenut u esebita in atti – ukoll mhux kontestata - il-Qorti fehmet illi l-konvenut mhux biss ma jikkontestax iżda tabilħaqq jaqbel, illi l-merkanzija li giet konsenjata mill-fornituri lit-trasportatur minnu inkarigat, ġiet hekk konsenjata fi stat "*perfett*"[14]. Jikkontendi, iżda, illi l-merkanzija ġiet karikata ħażin fil-*container* għaliex il-pallet ma ġiex marbut u fir-rigward, jiċħad is-suġġeriment tal-ispeditur sabiex jindirizza l-pretensjonijiet tiegħu dwar il-ħsara fil-merkanzija, lit-trasportatur minnu inkarigat.

Illi stabbilit mill-provi l-eżistenza ta' kuntratt tal-ġarr ta' merkanzija, f'dan il-każ bejn il-konvenut u t-trasportatur Ocean Freight Operations/Mariner Shipping għall-ġarr tal-merkanzija in diżamina[15], japplikaw ghal dak il-kuntratt id-dispozizzjonijiet tal-**Convention on the Contract for International Carriage of Goods by Road** liema Konvenzjoni hija inkorporata bhala skeda fl-Att dwar il-Garr Stradali Internazzjonali tal-Merkanzija[16]. Dan qed jingħad għaliex il-Konvenzjoni tapplika "*to **every contract for the carriage of goods by road in vehicles for reward**, when the place of taking over of the goods and the place designated for delivery, as specified in the contract, are situated in two different countries, of which at least one is a contracting country, irrespective of the place of residence and the nationality of the parties*"[17].

---

[13] Rappreżentant tas-soċjeta' Ceramica Cielo S.p.a. – Dok. A1.
[14] Ara e-mail tat-3 ta' Settembru 2018, Dok. A4, fol. 46.
[15] Dan skont kif jirriżulta mill-korrispondenza a fol. 51, 53 u 54 tal-atti.
[16] Kap. 486 tal-Ligijiet ta' Malta
[17] Emfasi tal-Qorti.

Jirriżulta illi d-dokument tal-konsenja, li huwa msemmi espressament fl-Artikolu 4 *et sequitur* tal-Konvenzjoni, m'huwiex mehtieg *ad validitatem* ghall-prova tal-eżistenza ta' kuntratt tal-ġarr li huwa regolat mill-Konvenzjoni: din in-nota tikkosistwixxi biss "*prima facie evidence of the making of the contract of carriage, the conditions of the contract and the receipt of the goods by the carrier*" u tiswa biex tafferma l-eżistenza ta' kuntratt ta' ġarr.

Mill-atti li għandha quddiemha, il-Qorti fehmet ukoll illi diversament għar-relazzjoni kontrattwali għall-bejgħ u fornitura tal-materjal in kwistjoni, ir-relazzjoni kontrattwali għall-ġarr tal-merkanzija mill-Italja ghal Malta, teżisti bejn il-konvenut u t-trasportatur minnu inkarigat u ma' ħadd iktar u m'hemm assolutament xejn fl-atti li jissuġġerixxi li s-soċjeta' Ceramica Cielo S.p.a. aġixxiet f'dan il-każ bħala *forwarder* jew aġent tat-trasportatur inkarigat mill-konvenut biex tieħu ħsieb il-ġarr tal-merkanzija li huwa xtara mingħand żewġ fornituri differenti fl-Italja, lejn Malta.

Jingħad illi l-Konvenzjoni hi inekwivoka dwar ir-responsabbilita` tat-trasportatur fil-kuntratt ta' ġarr, għad-danni kollha li jiġu sofferti mill-kontraent l-ieħor bħala konsegwenza tat-telf parjzali jew totali tal-merkanzija[18] kif ukoll ta' kull dewmien fil-konsenja[19]. In tema, l-Artikolu 17.1 tal-Konvenzjoni li jipprovdi- *The carrier shall be liable for the total or partial loss of the goods and for damage thereto occurring between the time when he takes over the goods and the time of delivery, as well as for any delay in delivery.* Dan ifisser illi huwa t-trasportatur li għandu jwieġeb ghal kull egħmil u ommissjoni fit-twettiq tal-kuntratt ta' garr u b'applikazzjoni ta' dan il-prinċipju fil-kaz in diżamina, il-Qorti tqis illi **ġaladarba l-konvenut stqarr u aċċetta espressament illi l-merkanzija telqet mill-kustodja tal-fornitur f'kundizzjoni tajba, allura jikkonsegwi li kwalsiasi nuqqas jew ħsara fil-merkanzija li jkun seħħ sussegwentement, waqt il-perkors tal-ġarr, sal-mument tal-konsenja tal-merkanzija lid-destinatarju - inkluż, fil-fehma tal-Qorti, nuqqasijiet fil-metodu**

[18] Matul il-perijodu bejn il-gbir tal-merkanzija u l-konsenja.

[19] Dan jghodd anke jekk dawn id-danni huwa attribwibbli ghal xi eghmil jew nuqqas tal-agenti tat-trasportatur jew persuni ohrajn inkarigati minnu ghat-twettiq tal-istess kuntratt ta' garr - ara Artikolu 3 tal-Konvenzjoni.

**ta' stivar tal-merkanzija mertu tal-kuntratt tal-ġarr - jaħti għalih biss il-vettural inkarigat bil-ġarr u ħadd iktar**.

Ikkunsidrat;

Illi għall-bqija, il-fattura Dok. A maħrug fit-30 ta' Lulju 2018 juri li l-prezz totali dovut ghall-fornitura tal-merkanzija mibjugħa lill-konvenut huwa ta' €10,993.08, liema ammont qed jiġi reklamat fir-Rikors promotur. Alessio Coramusi ikkonferma fid-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu illi l-merkanzija intbagħtet lill-konvenut f'kundizzjoni perfetta u minkejja diversi interpellazzjonijiet magħmula, huwa rrifjuta li jħallas il-prezz dovut. Kif diġa' ġie stabbilit, anke jekk huwa minnu li l-merkanzija waslet għand il-konvenut fi stat imkagħbar, ma ġiex ippruvat li l-fornitur jaħti għal dan in-nuqqas: għall-kuntrarju, il-provi li għandha quddiemha l-Qorti juru illi l-merkanzija ġiet konsenjata mill-fornituri lit-trasportatur fi stat tajjeb u f'kundizzjoni intatta, liema provi kif rajna, jeskludu r-responsabbilita' tal-fornitur għal dik il-ħsara li setgħet ġiet ikkaġġonata sussegwentement waqt il-ġarr tal-merkanzija.

Dawn il-provi ma ġewx kontradetti mill-konvenut li ma ressaq l-ebda provi kwalsiasi in sostenn tal-eċċezzjonijiet sollevati fir-Risposta tiegħu għar-Rikors promotur. Fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi l-attur nomine rnexxielu jipprova b'mod sodisfaċjenti u fil-grad meħtieg fil-kamp ċivili, illi l-ammont reklamat mis-soċjeta' estera ta' €10,993.08 huwa dovut mill-konvenut.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba tas-soċjeta' estera Ceramica Cielo S.p.a. kif rappreżentata mill-mandatarju speċjali tagħha Kristian Balzan u tikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' għaxart elef disa' mija u tlieta u disgħin Euro u tmien ċenteżmi (€10,993.08) għar-raġunijiet indikati fir-Rikors promotur u bl-imgħax mid-data tal-fattura Dok. A ċioe' mit-30 ta' Lulju 2018.**

*Illum, 12 ta' Lulju 2021* *Magistrat Dr. Rachel Montebello B.A. LL.D.*

**L-ispejjeż jitħallsu wkoll mill-konvenut.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**

**MAGISTRAT.**